MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 35/2007/2

**A.I.Ċ. Joseph Barbara, Josephine mart Raymond Azzopardi *proprio* kif ukoll bħala prokuratriċi tal-imsiefra Anna Maria mart Salvatore Saddemi, Patricia mart David Anastasi u Greta mart Anthony Bartolo Parnis; u b'dikriet tat-2 ta' Ġunju 2009 l-atti kollha f'isem A.I.Ċ. Joseph Barbara ġew trasfużi f'isem Josephine Azzopardi, Anna Maria Saddemi, Patricia Anastasi u Greta Bartolo Parnis**

***v.***

**Carmelo Borg u Yvonne Ruth Borg għal kwalunkwe interess li jista' jkollha**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ċaħdet talba tagħhom għall-iżgumbrament tal-konvenuti minn immobbli wara li sabet illi l-konvenuti kellhom titolu għal dak l-immobbli taħt l-art. 12A tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar ["Kap. 158"]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-atturi huma sidien ta' appartament fi Triq is-Sur Fons, San Ġiljan, u l-konvenuti kienu jokkopaw l-istess appartament b'titolu ta' ċens temporanju ta' iżjed minn tletin sena li għalaq fl-14 ta' Ġunju 2002. Billi l-konvenuti baqgħu jżommu l-fond ukoll wara li għalaq iċ-ċens l-atturi fetħu din il-kawża u talbu l-iżgumbrament tagħhom[1]. Il-konvenuti wieġbu illi għandhom jedd ikomplu jżommu l-fond taħt l-art. 12A tal-Kap. 158.

3. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti ċaħdet it-talba tal-atturi, bl-ispejjeż, wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "Din li ġejja hija ġabra fil-qosor tal-provi rilevanti għall-vertenza bejn il-partijiet –
>
> "Permezz ta' kuntratt tal-4 ta' Lulju 1984 fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona, il-konvenuti kisbu mingħand *Holiday Services*

[1] L-atturi kienu talbu wkoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċediment sommarju speċjali, iżda din it-talba kienet miċħuda b'dikriet tal-10 ta' Ottubru 2007.

*Limited* is-subutile dominju temporanju tal-appartament [... ... ...] Triq is-Sur Fons, San Ġiljan ("il-fond") għaż-żmien li kien fadal mill-konċessjoni oriġinali li kienet saret fl-14 ta' Ġunju 1957. Il-konċessjoni għalqet fl-14 ta' Ġunju 2002.

"Il-konvenuti huma miżżewġin. Il-konvenut huwa ċittadin Malti. Fl-14 ta' Ġunju 2002, il-konvenuta kienet ċittadina Olandiza bil-*freedom of movement*. Saret ċittadina Maltija b'effett mit-30 ta' April 2009 għal-kemm irriżulta illi kienet applikat għaċ-ċittadinanza Maltija fl-2000.

"Il-konvenuti qegħdin isostnu illi m'għandhomx jiġu żgumbrati mill-fond *stante* li l-fond kien u baqa' r-residenza ordinarja tagħhom, għalkemm huwa minnu illi għal bosta żmien matul is-snin kienu jivvjaġġaw ta' spiss u jkunu barra minn Malta għal rażunijiet ta' xogħol billi t-tnejn huma involuti fin-negozju tad-djamanti.

"Lill-konvenuti kienet tinkombi l-prova illi l-fond huwa r-residenza ordinarja tagħhom. Il-karta tal-identità, il-*kartanzjan*, il-liċenza tas-sewqan u l-pensjoni tal-konvenuti juru dak l-indirizz. L-istess ir-reġistru elettorali sa mill-1987. U għall-finijiet ta' taxxa.

"Diversi kienu l-okkupanti ta' *flats* oħra fil-*block* illi xehdu fil-kawża fuq talba tal-konvenuti: [... ... ...]. Ftit jew wisq ilkoll xehdu [li] l-konvenuti joqogħdu fil-fond għalkemm gejjin u sejrin barra. Mir-residenti tal-*block*, l-atturi ressqu biss lil Isabel Fenech li stqarret illi l-konvenuti ġieli jgħaddu x-xhur u ma jersaqux lejn il-fond. It-twieqi u l-galleriji tal-fond huma msaddin.

"L-*accountant* Michael Xerri xehed illi l-konvenut huwa espert fil-metalli prezzjużi; jaħdem kemm barra u Malta. Imur spiss l-Afrika. Ikun però ħafna l-Belġju u Olanda, u f'ħafna pajjiżi tal-Afrika. Ikun ħafna l-Belġju, l-aktar Antwerp, u l-Olanda. Il-konvenut jitħallas il-pensjoni ġo Malta.

*"A fol.* 95 kienu esebiti dokumenti dwar kumpannija bl-uffiċċju reġistrat tagħha fil-Belġju bl-isem *Mineral Trading BVBA* li fih kienet involuta l-konvenuta.

"Fix-xiehda tagħha, anke l-konvenuta tikkonferma li r-residenza ordinarja tagħha kienet u baqgħet Malta għalkemm l-attività tagħha fin-negozju tal-ġojjelli kien joħodha spiss barra. Tgħid li tqatta' minn sitta sa tmien xhur fis-sena ġo Malta. *A fol.* 106 kien esebit dokument li juri illi fis-6 ta' April 1978, il-konvenuta ma baqgħetx reġistrata fir-reġistru tar-residenti tal-Muniċipalità ta' Amsterdam għax marret toqgħod Malta. Bil-preċiż id-dokument li kien maħruġ fil-21 ta' Ottubru 1978 igħid hekk –

> ""*On 6th April 1978, the person in question* (il-konvenuta) *was unregistered from the residents registration register of the Municipality of Amsterdam due to her moving to Malta and has since then not been registered in any of the residents' registration offices in the Netherlands*."

"Annabelle Camilleri mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma xehdet illi għar-rigward tal-fond *de quo* ma hemmx kontijiet pendenti. Mitluba

tgħid jekk il-qari tal-*meters* tad-dawl u ilma kinux baxxi jew normali, ix-xhud wieġbet li dak li huwa normali għal persuna mhux bilfors ikun l-istess għal persuna oħra. Bħala fatt oġġettiv kien hemm però diskrepanzi fil-konsum f'xi perijodi matul l-2009. Qalet li ma kienx reġistrat konsum minn Novembru tal-2000 sa Marzu tal-2001.

"Kienu esebiti diversi atti ġudizzjarji kemm direttament relatati mal-kawża tal-lum u oħrajn li jagħmlu parti minn żewġ kawżi li kienu istitwiti fil-Bord tal-Kera: waħda kontra kumpannija li fiha l-konvenuti jew min minnhom kellhom sehem u oħra kontra l-konvenut dwar proprjetà fil-Belt li ma għandha x'taqsam xejn mal-fond. Ir-rilevanza tal-atti ta' dawn il-kawżi għall-fini tal-kawża tallum hija fl-ewwel kif saret in-notifika tal-atti lill-konvenuti jew min minnhom fl-indirizz tal-fond *de quo* u fit-tieni lok dwar dikjarazzjonijiet li saru mid-difensur tal-konvenuti (ta' dak iż-żmien) allegatament għan-nom tagħhom.

"Mill-atturi, kienet esebita l-ittra Dok X4 li turi li d-*delivery* ma kenitx saret għaliex kienet *unclaimed*. Hekk ukoll ikkonfermat in kontroeżami l-attriċi Josephine Azzopardi.

"Mill-atti tal-kawżi fil-Bord, jirriżulta li fl-indirizz tal-fond *de quo* għall-fini ta' notifika ta' atti kien hemm referta *unclaimed* fil-15 ta' Marzu 2001 u referta ma fetaħ ħadd fid-9 ta' April 2001. Fir-risposta li daħlet qabel l-udjenza tal-20 ta' Ġunju 2001, ingħad illi l-proċedura tal-affissjoni saret mal-appartament ta' Carmelo Borg *proprio* filwaqt li bħalissa huwa qed igħix fis-South Africa fejn qed jaħdem fl-industrija tad-djamati waqt li martu li hija Belġjana qed tabita Antwerp. Kien hemm referta oħra *unclaimed* fl-4 ta' Frar 2002. Jirriżulta verbal tal-Av. Tonio Azzopardi *a fol.* 326 illi l-patroċinat tiegħu jgħix il-Belgium fejn għandu l-familja u r-residenza u allura mhux faċli għalih jivvjaġġa. F'rikors ieħor iffirmat mill-istess avukat jingħad illi l-konvenuti jirrisjedu l-Belġju. Fit-28 ta' Marzu 2002, il-konvenuta għamlet rapport personalment lill-pulzija. Fis-27 ta' Ġunju 2007, saret il-ħatra ta' kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti konvenut. Ħatra ta' kuraturi oħra saret fit-22 ta' April 2010.

"Mill-atturi, l-unika illi xehdet kienet Josephine Azzopardi. Mill-*affidavit* tagħha huwa evidenti illi *de proprio* dwar l-okkupazzjoni tal-konvenuti fil-fond ma setgħet tixhed xejn.

"Il-konvenuta xehdet illi hija ma tabitax il-Belġju għax ir-residenza tagħha hija Malta għalkemm tagħmel żmien ġejja u sejra l-Belġju għal xogħol. Il-familja tagħha tgħix l-Olanda. Dwar il-konsum tad-dawl u l-ilma, xehdet li min-naħa tagħha u ta' żewġha dan huwa minimu.

"Kienu esebiti bil-ġurament mill-konvenuta elenku tad-drabi kollha li kienu msefrin hi u żewġha fuq xogħol in relazzjoni mal-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

"Ikkunsidrat :

"L-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap.158 tal-Liġijiet ta' Malta) kienet emendata bl-Att XVIII tal-2007 sabiex kien introdott l-art.12A. Dan l-artikolu huwa kompost minn seba' subartikoli. Dawk rilevanti għall-istanza tal-lum huma dawn –

““(1) Dan l-artikolu għandu japplika:

“(a) fl-għeluq ta’ enfitewsi jew sub-enfitewsi temporanja (aktar ’il quddiem f’dan l-artikolu msejħin “l-enfitewsi jew sub-enfitewsi l-aktar reċenti”) li ma tkunx waħda li l-effetti tat-tmiem tagħha jkunu regolati bl-artikolu 12(2)(*a*) jew (*b*) jew bl-artikolu 12(4) jew 12(5);

“(b) ta’ dar ta’ abitazzjoni illi fit-tmiem tal-enfitewsi jew sub-enfitewsi l-aktar reċenti:

“(i) tkun okkupata minn ċittadin ta’ Malta bħala r-residenza ordinarja tiegħu; u

“(ii) tkun soġġetta għal xi enfitewsi jew sub-enfitewsi oħra (aktar ’il quddiem f’dan l-artikolu msejħin “l-enfitewsi jew sub-enfitewsi preċedenti"), kemm jekk perpetwa u kemm jekk temporanja.

“(2) Fit-tmiem tal-enfitewsi l-aktar reċenti l-enfitewta jew subenfitewta li jkun jissodisfa r-rekwiżiti tas-subartikolu (1)(*b*)(i) ikollu l-jedd li jibqa’ jokkupa d-dar ta’ abitazzjoni taħt kirja mingħand il-persuna li tkun id-detentur tal-enfitewsi jew sub-enfitewsi preċedenti bl-istess kera u taħt l-istess kondizzjonijiet applikabbli skont l-artikolu 12(2)(i), (ia) u (ii) li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

“... ... ...

“(4) Id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll fil-każijiet kollha fejn għad illi l-enfitewsi jew sub-enfitewsi l-aktar reċenti tkun għalqet qabel l-1 ta’ Lulju 2007 il-persuna li kienet l-enfitewta jew is-sub-enfitewta fl-enfitewsi jew sub-enfitewsi l-aktar reċenti tkun għadha tokkupa d-dar bħala r-residenza ordinarja tagħha f’dik id-data.”

“[… … …]

“Minn analisi taż-żewġ noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet, jittraspari kjarament illi l-vertenza ta’ bejniethom hija fl-ewwel lok jekk il-fond kienx ir-residenza ordinarja tal-konvenuti. Din il-qorti tmur *oltre* u tgħid illi l-*punctum temporis* li abbażi tiegħu jrid ikun stabbilit jekk il-fond kienx ir-residenza ordinarja tal-konvenuti huwa l-14 ta’ Ġunju 2002. X’setgħu għamlu l-konvenuti bil-fond wara dik id-data jista’ jkun siewi għal istanza ġudizzjarja oħra, però mhux għal din tal-lum, għaliex fil-parametri tal-azzjoni tal-lum (u tad-difiża għal dik l-azzjoni) x’ġara wara l-14 ta’ Ġunju 2002 mhuwiex rilevanti. Fit-tieni lok, il-vertenza hija wkoll dwar hemmx lok għall-iżgumbrament tal-konvenuta (*del resto* l-atturi talbu żgumbrament) għaliex il-konvenuta ma kenitx ċittadina ta’ Malta fl-14 ta’ Ġunju 2002. Fil-verità l-ewwel aspett tal-vertenza huwa dak kruċjali.

“[... ... ...]

“Residenza ordinarja mhijiex definita għall-fini tal-Kap.158. Ir-residenza hija stat ta’ fatt li trid tirriżulta mill-provi tal-każ. L-oneru tal-prova tar-residenza ordinarja fil-fond *de quo* tispetta lill-konvenuti.

"Sabiex jiġi stabbilit jekk persuna kellhiex ir-residenza ordinarja tagħha f'post partikolari huma relevanti dawk iċ-ċirkostanzi kollha illi jistgħu jindikaw jekk il-persuna konċernata kenitx qiegħda tagħmel użu mill-fond għal dawk l-iskopijiet li wieħed jifhem b'residenza ordinarja. Dawn jinkludu l-irqad u mistrieħ regolari fil-fond in kwistjoni, il-fatt li fil-fond in kwistjoni jinżammu l-oġġetti personali u l-ħwejjeġ ta' min jippretendi li għandu residenza, il-fatt illi f'din ir-residenza huwa jgħaddi ż-żmien liberu tiegħu fejn hu jipprattika d-delizzji tiegħu u jagħmel ix-xogħol personali tiegħu. Tindika wkoll il-kelma 'residenza' l-fond fejn wieħed jippranza u jiċċena, fejn wieħed jirċevi l-korrispondenza u anke fejn jirċevi l-ħbieb, u fejn il-ħbieb u terzi jistennew li jsibu lil min hu hemm residenti. Biex tkun residenza 'ordinarja', ir-residenza ma tridx tkun każwali jew saltwarja, jew għal sempliċi kumdità jew pjaċir, jew li tkun motivata mill-ħtiega ta' kambjament ta' ambjent, li anke tagħmel ġid għas-saħħa u għall-moħħ, imma trid tkun ir-residenza ordinarja tal-bniedem, anke jekk għal bżonn mhux l-unika residenza tiegħu, imma dejjem ħaġa imposta minn neċessità. Ir-residenza ordinarja trid tirriżulta minn sensiela ta' fatti ppruvati. U fil-kisba tagħha ma hemm xejn awtomatiku.

"Fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Frar 1971 fil-kawża Coppini *noe v.* Vella Bonnici *noe* il-Qorti tal-Appell osservat li b'residenza ordinarja wieħed għandu jfisser post b'ċertu grad ta' kontinwità, apparti assenzi aċċidentali jew temporanji. Id-durata mhux kriterju esklussiv u neċessarjament determinanti. Hu però kriterju tajjeb dak li jirrigwarda l-mod kif bniedem ugwalment jorganizza ħajtu. Residenza ordinarja timplika permanenza u abitwalità (Agius *v.* Agius, Qorti tal-Appell Inferjuri – 2 ta' Diċembru, 1994).

"Ir-residenza ordinarja trid tirriżulta minn sensiela ta' fatti ppruvati. U fil-kisba tagħha ma hemm xejn awtomatiku. Għalhekk il-fatt li persuna jkollha dokumenti li *prima facie* jattestaw konnessjoni tagħha mal-fond waħedhom ma jistgħux jitqiesu bhala prova inkonfutabbli ta' residenza. Per eżempju, l-inklużjoni fir-Reġistru Elettorali jikkostitwixxi biss prova li trid tiġi verifikata, li tista' tkun korroborattiva, iżda mhux neċessarjament u dejjem konklusiva (Calleja *et v.* Ellul – Qorti tal-Appell – 29 ta' Novembru 1996).

"Riferibbilment għall-każ tal-lum, l-assjem tal-provi jwassal lil din il-qorti sabiex tikkonkludi illi wara illi kisbu s-subċens temporanju tal-fond, il-konvenuti baqgħu jqisu anke bil-fatti dak il-fond bħala r-residenza 'ordinarja' tagħhom. Huwa manifest illi għal perijodi anke twal matul is-snin, il-konvenuti kienu jirrisjedu barra għal raġunijiet esklusivi ta' xogħol. Fl-istess waqt din il-qorti m'għandha l-ebda prova konklusiva illi l-konvenuti qagħdu barra sabiex fattwalment jagħmlu r-residenza tagħhom barra minn Malta r-residenza ordinarja tagħhom. Baqgħu jorbtu matul is-snin kollox ma' Malta – xejn eskluż.

"Lura Malta mix-xogħol tagħhom barra, din il-qorti għandha s-serenità tal-prova illi l-konvenuti fittxu kenn biss u esklusivament fil-fond *de quo* mhux band'ohra. Kontra l-prova tar-residenza ordinarja tal-konvenuti, l-atturi ressqu provi fjakki għall-aħħar u ttentaw jistrieħu fuq l-irqaqat.

Saħansitra fittxew fl-atti ta' kawżi fil-Bord tal-Kera fejn il-konvenuti jew min minnhom kienu involuti direttament jew indirettament. Dwar il-provi ta' dawk l-atti li setgħu kienu rilevanti għall-kaz tal-lum, din il-qorti tara *prima facie* diskordanza bejn dak illi xehdet il-konvenuta u dikjarazzjonijiet tal-Av. Tonio Azzopardi (l-avukat preċedenti tal-konvenuti) quddiem il-bord speċjalment fil-kawża *Goldkraft Limited v Club Limited*. Il-konvenuta tat il-verżjoni tagħha tal-fatti. Xejn ma kien iżomm lill-atturi milli jipproduċu lill-Av. Tonio Azzopardi bħala xhud tagħhom dwar dawk l-atti. L-atturi ma għażlux dik it-triq u qagħdu fuq dawk l-atti bħala tali *nonostante* l-kontestazzjoni netta tal-konvenuti u *nonostante* illi l-konvenuti kkontestaw il-kondotta tal-avukat tagħhom ta' dakinhar. L-atti huma prova daqs kull prova oħra iżda m'humiex prova aqwa minn kull prova oħra. Din il-qorti tqis biss illi minn imkien ma rriżulta illi l-konvenuta kienet Belġjana b'familjari tagħha jgħixu l-Belġju. Kważi kważi jidħol dubju serju jekk l-avukat li kellhom il-konvenuti kienx jaf tassew u bir-reqqa dovuta lill-klijenti tiegħu. Irriżulta infatti illi l-konvenuta kienet Olandiża, kellha xogħol li joħodha spiss il-Belġju, u l-familjari tagħha kienu Olandiżi, igħixu l-Olanda. Lanqas ir-referti negattivi fl-atti tal-bord ma huma prova konklusiva għaliex *se mai* jsostnu l-argument kollu tal-konvenuti illi spiss kienu jkunu barra minn Malta għal raġunijiet ta' xogħol. Ir-residenti tal-blokk ma tawx konfort lill-atturi. Il-provi ta' kwalsiasi atti pubbliċi jew uffiċjali relatati mal-konvenuti jmorru konsistentement matul is-snin a favur tal-konvenuti. Mankanti kienet u baqgħet il-prova tal-istat intern (mhux daqstant estern) tal-fond għall-fini tal-prova tal-abitazzjoni. Fuq l-iskorta tal-provi akkwiżiti, inklużi d-dokumenti, din il-qorti għandha l-prova inkonfutabbli tar-residenza ordinarja tal-konvenuti gol-fond *de quo* għall-fini kollha personali u pubbliċi. Xejn ma jorbothom ma' barra ħlief ix-xogħol. Għall-bqija, kollox baqa' relatat ma' Malta fuq medda twila ta' snin inkluż u fuq kollox fid-data illi fiha għalaq iċ-ċens.

"Sodisfatta mill-prova illi l-fond kien ir-residenza ordinarja tal-konvenuti għall-finijiet u effetti kollha tal-art.12A tal-Kap.158, din il-qorti tkompli dwar it-tieni aspett tal-vertenza illi ladarba l-post huwa r-residenza ordinarja tal-konvenut u l-konvenut huwa ċittadin Malti, ma jistax jiġi żgumbrat kif qiegħed jiġi pretiż mill-atturi, għax għandu titolu għall-fond. Ladarba l-konvenut huwa miżżewweġ lill-konvenuta, għadhom igħixu flimkien, u bejniethom hemm il-komunjoni tal-akkwisti, il-fatt illi fl-14 ta' Awissu 2002 ma kenitx ċittadina ta' Malta, għandha kull jedd tgħix ma' żewgha l-konvenut fil-fond bla ma tiġi żgumbrata."

4. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tad-29 ta' Ottubru 2012 li għalih il-konvenuti wieġbu fit-2 ta' Jannar 2013. L-aggravji tal-atturi huma (i) illi l-ewwel qorti qalet ħażin meta qalet illi ż-żmien relevanti għall-għanijiet ta' residenza huwa biss dak ta' meta għalaq iċ-ċens, u (ii) illi kienet ħażina wkoll il-konklużjoni tal-ewwel qorti illi bħala fatt il-

konvenuti kellhom ir-residenza tagħhom fil-fond li dwaru saret il-kawża. L-atturi ressqu wkoll aggravju sussidjarju fis-sens illi l-applikazzjoni tal-art. 12A tal-Kap. 158 għall-każ tallum twassal għal ksur tal-jedd tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom imħares taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["l-Ewwel Protokoll"]. Dan l-aggravju jikseb relevanza biss fil-każ illi l-aggravji l-oħra jiġu miċħuda u jinstab illi l-konvenuti għandhom titolu għall-fond.

5. Wara li jiċċitaw l-art. 12A(4) tal-Kap. 158 u jirreferu għal dik il-parti tas-sentenza appellata li tgħid illi "l-*punctum temporis* li abbażi tiegħu jrid ikun stabbilit jekk il-fond kienx ir-residenza ordinarja tal-konvenuti huwa l-14 ta' Ġunju 2002", *i.e.* meta għalaq is-sub-ċens favur il-konvenuti, u illi x'ġara wara dik id-data huwa irrelevanti għall-għanijiet tal-kawża, l-atturi komplew fissru l-ewwel aggravju hekk:

> "Illi huwa għaldaqstant minnufih evidenti li s-sentenza appellata hija kolpita minn żball fl-interpretazzjoni tal-imsemmi dispost art. 12A(4) u fl-umli fehma tal-esponenti huwa proprju minħabba l-fatt li l-ewwel sentenza hija interament fondata fuq din il-premessa żbaljata, fost raġunijiet oħrajn, li anke l-konklużjoni raġġunta mill-ewwel onorabbli qorti hija waħda għal kollox żbaljata.
>
> "Illi għandu jkun fil-fatt evidenti minn qari sempliċi tal-imsemmi dispost li mhuwiex minnu li dak li riedet il-liġi kien li ssir biss referenza għal dik id-data li fiha ġie terminat iċ-ċens ossija l-14 ta' Ġunju 2002 imma riedet ukoll – fir-rigward ta' każijiet bħal dak in eżami fejn iċ-ċens ikun għalaq qabel l-ewwel ta' Lulju, 2007 – "il-persuna li kienet l-enfitewta jew is-sub-enfitewta fl-enfitewsi jew sub-enfitewsi l-aktar reċenti tkun għadha tokkupa d-dar bħala r-residenza ordinarja tagħha f'dik id-data". Dan effettivament ifisser li, proprju bil-kontra ta' dak li jinsab deċiż imqar *obiter* mill-ewwel onorabbli qorti, sabiex l-intimati appellati jkunu jistgħu jivvantaw b'suċċess titolu ta' lokazzjoni taħt l-imsemmi artikolu huma jridu jipprovaw qabelxejn li kienu jirrisjedu fil-fond *de quo* bħala r-

> residenza ordinarja fl-għeluq taċ-ċens temporanju u li baqgħu hekk jokkupaw il-fond bħala r-residenza ordinarja tagħhom sal-1el ta' Lulju 2007. Id-diċitura tal-artikolu relativ ma tħalli fil-fatt l-ebda lok għal interpretazzjoni f'dan ir-rigward. Dan iwassal sabiex ikun għalkollox relevanti (u mhux irrelevanti, kif jingħad fis-sentenza appellata) dak kollu li seħħ mhux biss fl-14 ta' Ġunju 2002 imma wkoll dak kollu li seħħ bejn l-14 ta' Ġunju 2002 u l-ewwel ta' Lulju 2007.
>
> "Illi dak provdut taħt l-art. 12A(4) kellu konsegwentement iwassal ukoll għall-konklużjoni li l-oneru tal-prova mqiegħed fuq l-intimati appellati kien ferm aktar tqil minn dak mifhum mill-ewwel onorabbli qorti u dan peress illi kellu jiġi pruvat proprju li l-fond *de quo* kien jikkostitwixxi r-residenza ordinarja tal-intimati appellati fl-14 ta' Ġunju 2002 u baqa' hekk ir-residenza ordinarja tagħhom sal-ewwel ta' Lulju 2007. Fl-umli fehma tal-esponenti, mhux biss din il-prova baqgħet ma saritx mill-intimati imma l-assjem tal-provi kollha prodotti jipproduċi stampa ċara skond liema r-residenza tal-intimati matul dan iż-żmien ma kenitx tinsab f'Malta."

6. Il-konvenuti effettivament ma jwiġbux għal dan l-aggravju, ħlief li jgħidu bla ma jfissru għalfejn igħidu hekk illi "l-ewwel qorti kienet korretta [... ... ...] meta qalet li l-fattur tar-residenza ordinarja għandha [*sic*] tiġi stabbilita fil-mument meta skada ċ-ċens temporanju u *cioè* f'dan il-każ nhar l-14 ta' Ġunju 2002. X'seta' ġara wara huwa ghal kollox irrilevantii għall-finijiet tal-artikolu tal-liġi ċitat".

7. Fil-fatt iżda qegħdin igħidu sew l-atturi: l-art. 12A(4) huwa ċar meta jgħid illi d-disposizzjonijiet li fuqhom jistrieħu l-konvenuti japplikaw "fil-każijiet kollha fejn għad illi l-enfitewsi jew sub-enfitewsi l-aktar reċenti tkun għalqet qabel l-1 ta' Lulju 2007 il-persuna li kienet l-enfitewta jew is-sub-enfitewta fl-enfitewsi jew sub-enfitewsi l-aktar reċenti tkun għadha tokkupa d-dar bħala r-residenza ordinarja tagħha f'dik id-data". "Dik id-data" li għaliha jirreferi s-sub-artikolu hija d-data l-aħħar imsemmija fl-istess sub-artikolu, *viz.* l-1 ta' Lulju 2007. Dan ifisser illi

min irid jinqeda bl-art. 12A irid juri mhux biss li l-fond kien ir-residenza ordinarja tiegħu meta għalaq iċ-ċens jew is-sub-ċens iżda wkoll li kien "għadu" hekk jokkupa l-fond fl-1 ta' Lulju 2007. L-użu tal-kelma "għadu" juri l-ħtieġa ta' kontinwità fl-okkupazzjoni tal-fond bejn meta għalaq iċ-ċens u l-1 ta' Lulju 2007.

8. Din il-konklużjoni ma twassalx bilfors biex jintlaqa' l-appell; tfisser biss illi jrid isir eżami tal-fatti aktar ampju minn dak li għamlet l-ewwel qorti. It-tieni aggravju għalhekk għandu jiftehem illi jolqot mhux biss l-apprezzament li għamlet l-ewwel qorti dwar ir-residenza ordinarja fl-14 ta' Ġunju 2002 iżda jrid jolqot ukoll il-kwistjoni jekk il-fond kienx ukoll ir-residenza ordinarja tal-konvenuti fl-1 ta' Lulju 2007.

9. Inċidentalment, dwar dak li jgħidu l-konvenuti illi "l-Qorti tal-Appell bħala regola ma tiddisturbax l-apprezzament u l-evalwazzjoni [tal-fatti] tal-Prim'Awla", din il-qorti tosserva illi ċertament huwa r-rwol tagħha illi tagħmel hi wkoll apprezzament tal-fatti: ma tiddisturbax l-apprezzament li tagħmel l-ewwel qorti iżda meta l-konklużjoni tal-ewwel qorti tkun waħda li setgħet raġonevolment waslet għaliha fuq il-fatti li nġiebu quddiemha għalkemm din il-qorti kienet forsi tasal għal konklużjoni oħra. Huwa f'ċirkostanzi bħal dawn – fejn il-konklużjoni tal-ewwel qorti u xi konklużjoni oħra jkunu t-tnejn raġonevolment possibbli – illi din il-qorti, bħala regola, ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti li tkun "għexet" il-proċess aktar direttament minn kemm tista' tkun għamlet qorti ta' reviżjoni.

10. Ngħaddu mela għall-meritu ewlieni tal-kontestazzjoni, *viz.* jekk lill-konvenuti seħħilhomx li jegħelbu l-oneru tal-prova illi l-fond kien ir-residenza ordinarja tagħhom fiż-żminijiet kollha relevanti. L-atturi jfissru hekk l-aggravju tagħhom relativ għal din il-kwistjoni:

> "[... ... ...] Mill-provi prodotti kellu jirrizulta ċar li [... ... ...] l-mawriet tal-intimati barra minn Malta ma kenux saltwarji jew fin-natura ta' btajjel. Jirizulta ċar li min-natura tax-xogħol tagħhom l-intimati kienu jsiefru ta' spiss u dan għal tul ta' żmien, li kienu jaħdmu u jinnegozjaw barra minn Malta, li xtraw proprjetà barra minn Malta u li saħansitra ffurmaw kumpaniji hemmhekk. [... ... ...].
>
> "[... ... ...]
>
> "Illi f'dan ir-rigward l-esponenti jħossu li l-ewwel onorabbli qorti kienet għal kollox inġusta fil-konfront tal-esponenti billi injorat dawk il-provi kollha prodotti minnha u ttrattathom bhala sempliċi 'irqaqat'. Bir-rispett dovut il-provi prodotti mill-esponenti m'huma rqaqat xejn in kwantu lkoll juru kemm tassew l-intimati ma kenux qegħdin jużaw il-fond f'San Ġiljan u dan peress illi ma kenux ikunu Malta jew kienu jkunu Malta biss bħala vakanza mix-xogħol u mill-ħajja ordinarja tagħhom li, fil-fatt, wasslithom sabiex jirrisjedu barra minn Malta. Ir-referenzi għal pro-ċeduri ohrajn fejn jinsab allegat li l-intimati ma kenux qegħdin jagħmlu użu minn fond iehor (dik id-darba fond mikri għal użu kummerċjali) u fejn jingħad permezz tal-atti preżentati mill-istess intimati odjerni li huma jirrisjedu barra minn Malta lanqas ma huma 'irqaqat' in kwantu sottoskritti mill-intimati jew mill-avukat difensur tagħhom fi żmien meta qajla setgħu jobsru li ser ikunu rinfaċċjati b'dawn il-proċeduri u kwindi *a tempo vergine*. Għaldaqstant għandu jirriżulta b'mod konkluživ mill-provi [... ... ...] li l-intimati ma kenux residenti abitwali tal-fond *de quo* fl-14 ta' Ġunju 2002 u lanqas ma baqgħu hekk residenti sal-ewwel ta' Lulju 2007.
>
> "[... ... ...]
>
> "Illi għandu jingħad ukoll li wkoll mid-dokumenti sottomessi mill-intimati stess jirriżulta bl-aktar mod ċar li, anke f'dan il-każ, il-mawriet tal-intimati barra minn Malta, partikolarment fil-Belġju, ma kenux mawriet saltwarji jew għal vaganza. [... ... ...] [I]r-registrazzjoni tal-karta tal-identità u għal skopijiet ta' reġistru elettorali m'humiex fihom infushom konklusivi tar-residenza ordinarja tal-persuna hemmhekk indikata li trid tirriżulta bħala fatt miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Hekk però hija l-istess intimata Yvonne Borg li tixhed fis-sens li "*I live in Belgium*. (...) *In Belgium I reside in Antwerp*" (*fol*. 111 tal-proċess).
>
> "Illi apparti li jidher ċar li dawn il-mawriet baqgħu sejrin anke wara li nbdew il-proċeduri odjerni [... ... ...] jirriżulta mid-dokumenti BC1 u BC2

bl-aktar mod ċar li x-xogħol tal-intimati kien wieħed bażat f’Antwerp il-Belġju. Jirriżulta b’mod partikulari mid-dokument BC1 li x-xogħol kienu jieħdu ħsiebu l-intimati personalment u wieħed jifhem dan ukoll *in vista* tan-natura tax-xogħol li kien jikkonsisti fil-bejgħ ta’ djamanti u ġawhar prezzjuż. Id-dokument BC1 datat 30 ta’ Lulju 2007 juri ċar li dak iż-żmien l-intimata kienet tinsab f’Antwerp u kienet għadha qed topera l-kumpaniia tagħha *Mineral Trading BVBA* mill-indirizz indikat fl-istess dokument. Inċidentalment ix-xerrej indikat f’dak id-dokument huwa Malti u ma jingħata ebda indikazzjoni li l-intimata kienet beħsieba tinżel Malta għal dan in-negozju; anzi jingħad fl-istess dokument li l-merkanziia kienet ser tintbagħat (minn Antwerp) hekk kif isir it-trasferiment (f’Antwerp) tal-prezz relattiv. Minn dan id-dokument diġà jirriżulta li f’Lulju 2007 l-intimati kienu għadhom intimament konnessi max-xogħol tagħhom fil-Belġju tant illi – anke fir-rigward ta’ klijent Malti – in-negozju kollu kien qed isir minn Antwerp u għal Antwerp.

“Illi aktar minn hekk huma l-istess intimati li jaqblu li x-xogħol tagħhom kien barra minn Malta. Huwa fil-fatt magħruf li, skond il-ġurisprudenza konstanti nostrana, ir-residenza ordnarja teħtieġ element ta’ kontinwità li ċertament ma jistax jintlaħaq meta x-xogħol ta’ kulium jeħtieġ li l-persuna tkun barra, f’dan il-każ fil-Belġju. *Multo magis* meta, kif jirriżulta wkoll mill-provi prodotti, l-intimati stess ħassew il-ħtieġa li jakkwistaw residenza barra minn Malta tant il-mawriet tagħhom hemmhekk ma kinux ta’ natura saltwarja jew għall-mistrieħ.

“[... ... ...]

“Illi issa, b’referenza għall-kazistika [... ... ...] fejn jingħad li r-residenza ordnarja trid tkun waħda fattwali u tirriżulta mhux neċessarjament minn dak formalment dikjarat imma aktar minn hekk minn provi ċirkostanz-jali, huwa evidenti li l-intimati ma jistgħux jippretendu li f’dawn il-proċeduri jitwemmnu meta jgħidu li huma dejjem kienu residenti Malta meta huma stess, fiż-żmien meta huma ftit li xejn setgħu jobsru li l-esponenti kienu ser jintavolaw dawn il-proċeduri jew li kien ser jiġi promulgat l-art. 12A biex jipproteġihom, ammettew li huma ma kenux jirrisjedu f Malta u fil-fatt kienu qegħdin jindirizzaw talbiet lejn il-qorti bażata fuq din il-premessa. Issa jekk in-non-residenza tagħhom f’Malta fiż-żmien imsemmi kien jikkostitwixxi raġuni tajba sabiex f’dak il-każ it-talbiet tagħhom jiġu milqugħin, f’dawn il-proċeduri din l-istess premessa pruvata hija suffiċjenti sabiex twassal għall-iżgumbrament tal-intimati. Ovvjament hija ferm aktar kredibbli d-dikjarazzjoni kontenuta fl-atti surreferiti, proprju minhabba ż-żmien illi fih saru, milli dak allegat f’dawn il-proċeduri li, fuq kollox, jirriżulta kontradett mill-maġġjorparti tal-provi ċirkostanzjali miġbura kif ingħad hawn fuq. Id-dati li fihom saru dawk id-dikjarazzjonijiet huma partikolarment rilevanti *in vista* ta’ dak meħtieġ mill-art. 12A.

“[... ... ...]”

11. Il-konvenuti wieġbu hekk:

"Illi ma hemmx dubbju li fil-każ in ezami l-pern ta' kollox tirrivolvi madwar il-fattur ewlieni u mhux biss prinċipali [*sic*] dwar ir-residenza ordinarja tal-appellati. F'dan ir-rigward l-appellanti jiddedikaw ħafna osservazzjonijiet u argumenti dwar il-lok ta' residenza ordinarja tal-appellata Yvonne Borg. Tali osservazzjonijiet huma għal kollox irrelevanti sa ċertu punt peress illi anke jekk għas-saħħa tal-argument u *dato non concesso* l-appellata mara ma kellhiex ir-residenza ordinarja tagħha hawn Malta jew ma kinitx ċittadina Maltija, xorta waħda kienet tkun intitolata għal protezzjoni tal-liġi provenjenti mit-titolu u posizzjoni ta' żewgha. Fi kwalunkwe każ jingħad ukoll fil-konfront tal-mara li fil-mori ta dan il-proċess hija ottjeniet iċ-ċittadinanza maltija fuq talba li kienet għamlet għal dan l-iskop ħafna snin qabel ma nbdew il-proċeduri odjerni u għalhekk *se mai* jista jigi attribwit il-kunċett tal-*jus superveniens* fil-każ tagħha;

"Illi mill-banda l-oħra però fir-rigward tar-raġel ma hemmx dubbju li huwa kien u għadu ċittadin Malti u għalhekk kif ġà ntqal hawn fuq l-unika kwistjoni li għandha tiġi determinata f'dan il-każ huwa x'kien il-lok ta' residenza ordinarja tiegħu *ai termini* tal-liġi. [... ... ...].

"[... ... ...]

"Id-diverġenza bejn iż-żewġ naħat tinsab fil-fatt illi filwaqt li l-atturi appellanti jsostnu li l-appellat jirrisjedi u jaħdem barra minn Malta u li jiġi lura f'pajjiżna purament għal vakanzi tiegħu, l-appellat jargumenta u ressaq provi għas-soddisfazzjoni tal-ewwel onorabbli qorti illi huwa jqis lil Malta bħala l-lok ta' residenza tiegħu u li l-unika raġuni il-għala iqatta' daqstant ħin barra minn Malta hija biss riżultat tan-natura tax-xogħol tiegħu;

"Irriżulta u mhux kontestat li l-appellat jaħdem fin-negozju tad-djamanti u ħaġar prezzjuz. Illi għalhekk tali negozju ta' bilfors jieħdu barra minn Malta lejn pajjiżi Afrikani l-aktar fejn jinstabu l-minjieri u lejn pajjiżi Ewropej li tagħhom il-pajjiżi Afrikani kienu kolonji tagħhom bħal per eżempju l-Belġju u l-Olanda. Deher evidenti li l-appellat iżur dawn il-postijiet barra minn Malta purament minnħaba esiġenzi ta' xogħol u xejn aktar u ċertament ma jqisx lil dawn il-pajjiżi bħala l-lok ta' residenza ordinarja tiegħu;

"[… … …]

"Illi wieħed jista' faċilment jinnota li l-argumenti u eżempji kollha li ressaq l-appellant biex jipprova jibdel il-konvinzjoni li waslet għaliha l-ewwel onorabbli qorti huma kollha relatati max-xogħol tal-appellati u mhux mal-fatt li huma effettivament residenti barra minn Malta. Anke l-prova tal-konsum tad-dawl u tal-ilma ma hiex konkluživa peress illi għalkemm huwa minnu li seta' kien hemm varjanza kbira ta' konsum bejn perjodu u ieħor jibqa' dejjem il-fatt li xi forma ta' konsum dejjem kien hemm u li tali varjanza tispjega ruħha anzi tikkonferma u tikkorrobora l-verżjoni tal-appellati u *cioè* li huma jqattgħu ċertu perjodi ta' żmien barra minn Malta minħabba n-natura ta' xogħol tagħhom però fl-aħħar mill-aħħar dejjem jirritornaw lura lejn Malta fejn tinsab id-dar

> tagħhom u l-unika residenza ordinarja tagħhom. Barra minn hekk ingħataw spjegazzjonijiet konvinċenti u soddisfaċenti mill-appellati lill-ewwel onorabbli qorti [… … …] dwar il-mawriet ġieli fit-tul barra minn Malta [… … …].
>
> "[… … …]
>
> "L-appellanti donnhom qed jipprovaw jinsinwaw li l-appellati bdew jirrisjedu u jqattgħu aktar hin hawn Malta fil-fond in kwistjoni minħabba l-odjerni proċeduri. Dan ma hu minnu xejn u l-appellanti jafu ben tajjeb di xjenza proprja u minn stħarriġ estensiv li donnhom għamlu fuq l-appellati *oltre* li anke rriżulta mill-proċess odjern illi l-frekwenza tal-mawriet barra minn xtutna naqset għas-sempliċi raġuni li l-appellat laħaq l-età tal-pensjoni u difatti beda jirċievi l-pensjoni hawn Malta mill-Gvern ta' Malta wara li kien ilu jħallas il-bolla u t-taxxa tad-dħul hawn Malta tul il-ħajja lavorattiva tiegħu. Lanqas ma jsemmu l-appellanti l-fatt li l-appellat kien iħallas it-taxxa relatata max-xogħol tiegħu lill-awtorita-jiet Maltin *nonostante* li l-parti kbira tan-negozju tiegħu kien qed jiġi eserċitat barra minn Malta. Ir-reġim tat-taxxa tal-appellat dejjem kienet u baqgħet hawn Malta il-għaliex hawn huwa residenti;
>
> "[… … …]"

12. Din il-qorti tibda biex tgħid illi l-ewwel qorti għamlet esposizzjoni ċara u korretta tal-liġi u tal-ġurisprudenza dwar it-tifsira ta' "residenza ordinarja". Din il-qorti iżda ma taqbilx illi tista' twarrab bħala "irqaqat" il-fatti u ċirkostanzi li fuqhom jistrieħu l-atturi biex juru illi l-konvenuti ma kellhomx ir-residenza ordinarja tagħhom fil-fond li dwaru saret il-kawża. Din il-qorti hija tal-fehma illi dawk il-fatti u ċirkostanzi jixirqil-hom eżami aktar fil-fond minn dak li sar mill-ewwel qorti.

13. Din il-qorti tifhem ukoll illi għalkemm ir-residenza ordinarja teħtieġ element ta' permanenza, fis-sens illi l-fatt li persuna toqgħod għal żmien ukoll twil f'pajjiż ieħor ma jfissirx illi b'hekk dik il-persuna tkun tilfet ir-residenza ordinarja li kellha qabel biex kisbet residenza ordinarja f'dak il-pajjiż l-ieħor, madankollu residenza ordinarja ma hijiex l-istess bħal domiċilju, bħallikieku r-residenza ordinarja oriġinali ma

tintilifx jekk il-persuna żżomm il-ħsieb li xi darba tmur lura toqgħod hemm.

14. Ukoll, għalkemm mhux determinanti, l-element intenzjonali ma huwiex irrelevanti għall-għanijiet ta' residenza, fis-sens illi jekk dak li jkun jagħmel il-ħsieb illi, għal xi żmien ukoll jekk mhux għal dejjem, jagħmel ir-residenza ordinarja tiegħu f'post ieħor, diffiċilment tasal biex tgħid illi ma telaqx ir-residenza ordinarja ta' qabel. Anzi, l-intenzjoni ta' dak li jkun għandha tkun wieħed mill-fatturi ewlenin, għalkemm mhux fattur waħdieni, fid-determinazzjoni tar-residenza ordinarja.

15. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, jiksbu relevanza dawn il-fatti li sejrin jissemmew:

16. Ma jistax ma jingħatax piż lill-istqarrijiet magħmula mill-konvenuti stess jew f'isimhom dwar fejn kienu huma stess iqisu li hija r-residenza tagħhom. Fit-tweġiba tas-soċjetà *Club Limited* – soċjetà li tagħha l-konvenut kien direttur – fil-kawża quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet *__Goldkraft Limited v. Club Limited__*, jingħad hekk:

> "[... ... ...] Carmelo Borg [... ... ...] bħalissa huwa qed igħix fis-South Africa fejn qed jaħdem fl-industrija tad-djamanti waqt li martu, li hija Belġjana, qed tabita f'Antwerp, Belgium."[2]

17. Tassew illi din l-istqarrija – li saret bejn l-14 u l-20 ta' Ġunju 2001 – saret mill-avukat ta' *Club Limited* f'isem *Club Limited* iżda l-konvenuti

[2] *Fol.* 239 tal-proċess tal-ewwel qorti.

kellhom interess dirett fi *Club Limited*, kellhom interess li ssir l-istqarrija li għamel l-avukat, għax dik l-istqarrija saret bil-għan li tiġi dikjarata nulla n-notifika ta' rikors għall-iżgumbrament tas-soċjetà tal-konvenuti, u l-konvenuti ma ħaduhiex lura fil-kawża li fiha saret għalkemm qegħdin ifittxu li jeħduha lura llum. Iżda tkun ċertament imġieba *in mala fide* illi persuna tinqeda bi stqarrija fejn il-fatti hemm dikjarati jkunu jaqblu mal-interessi tagħha u tfittex li teħodha lura meta dawk il-fatti ma jibqgħux jaqblu mal-interessi tagħha.

18. Il-fatti jew huma veri jew ma humiex u l-verità ma għandha x'taqsam xejn mal-konvenjenza tal-fatti.

19. Il-konvenuti mhux biss ma ħadux lura dik l-istqarrija qabel ma sar konvenjenti għalihom li jagħmlu hekk għall-għanijiet tal-kawża tallum, iżda anzi ħallew li tiġi mtennija f'rikors tal-5 ta' Diċembru 2005 fejn jingħad illi "l-*managing director* tas-soċjetà intimata [*viz.* Il-konvenut Carmelo Borg] kien il-Belgium fejn għandu l-familja u anke residenza, u għalhekk ikollu jiġi u jmur il-Belgium"[3].

20. Ukoll fir-rikors tal-appell li sar fl-4 ta' April 2006 mis-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera fl-istess kawża, reġa' ngħad illi l-konvenut Carmelo Borg huwa "persuna li tirrisjedi fil-Belgium"[4].

---

[3] *Ibid. fol.* 320.

[4] *Ibid. fol.* 356.

21. Fit-18 ta’ Jannar 2006 l-Avukat Tonio Azzopardi, avukat tas-soċjetà tal-konvenuti, xehed hekk bil-ġurament:

> “[... ... ...] jiena qiegħed nixhed bħala mandatarju speċjali ta’ *Club Ltd* u tas-Sur Borg u tas-Sinjura tiegħu [... ... ...].”[5]

22. Din l-istqarrija mela għamilha mhux biss f’isem is-soċjetà tal-konvenuti iżda f’isimhom ukoll. Kompla hekk:

> “[… … …] il-klijent huwa residenti l-Belgium *most of the time*. Għandu familja hemmhekk u għandu residenza hemmhekk [… … …].”[6]

23. Partikolarment relevanti l-parti fejn l-Avukat Azzopardi jgħid illi l-konvenut “ma jkunx faċli għalih li jivvjaġġa minħabba li kien hemm il-vakanzi tal-Milied”[7]. Din l-osservazzjoni hija importanti u interessanti għax li kieku persuna, għalkemm tqatta’ ħafna żmien barra mill-pajjiż, madankollu għandha r-residenza ordinarja u ċ-ċentru ta’ ħajjitha hawnhekk, kont tistenna li l-vakanzi tqattagħhom hawn.

24. L-ewwel qorti ma tatx wisq importanza għal dawn il-fatturi għax dehrilha – ħażin, kif rajna – illi dak li ġara wara l-14 ta’ Ġunju 2002 ma għandux relevanza għall-għanijiet tal-kawża.

25. Fil-kawża tallum imbagħad, il-konvenuta Yvonne Ruth Borg stqarret illi:

[5] *Ibid. fol.* 383.

[6] *Ibid. fol.* 385.

[7] *Ibid. fol.* 326.

> "[… … …] I live in Belgium but I travel a lot outside Belgium. In Belgium I reside in Antwerp. Recently we bought a place in Antwerp. We used to rent it. A few years ago – I am not sure if it was 2002[8] – [… … …] we bought the place."[9]

26. Mhux irrelevanti l-fatt illi l-konvenuti xtraw post f'Anversa li qabel kienu jikruh: din hija indikazzjoni ċara ta' intenzjoni li r-rabta tagħhom ma' dik il-belt tkun waħda fit-tul.

27. Xhud ieħor dwar ir-residenza tal-konvenuti kien George Meilaq, imressaq mill-konvenuti stess, li fit-22 ta' Frar 2008 xehed bil-ġurament illi "l-konvenuti joqogħdu Belgium; għandu residenza l-Belgium. [... ... ...] Il-konvenut joqgħod jew għandu residenza Antwark [*recte*, Antwerp]"[10].

28. Fil-fehma tal-qorti dawn il-fatturi kollha – l-assenza tal-konvenuti għal żminijiet twal minn Malta, l-istqarrijiet tagħhom stess jew magħmula f'isimhom dwar fejn kienu jqisu huma stess li hija r-residenza tagħhom, il-fatt illi xtraw proprjetà residenzjali barra minn Malta – huma, jekk meqjusa individwalment, indikazzjoni qawwija u, jekk meqjusa kollettivament flimkien, indikazzjoni konklużiva illi ċ-ċentru tal-ħajja tal-

---

[8] Fil-fatt il-proprjetà f'Anversa nxtrat fl-20 ta' Lulju 2000; ara dok. AM2, *fol.* 117 tal-proċess tal-ewwel qorti.

[9] *Fol.* 111 tal-proċess tal-ewwel qorti.

[10] *Ibid. foll.* 90 *et seq.*

konvenuti fiż-żmien relevanti ma kienx Malta u li għalhekk, ukoll bil-kriterji mfissra fis-sentenza appellata, ir-residenza ordinarja tagħhom ma kinitx f'Malta. Jista' jkun illi żammew il-ħsieb illi meta jirtiraw jiġu Malta, u għalhekk żammew domiċilju malti, iżda mhux l-istess jista' jingħad għar-residenza ordinarja.

29. Billi għalhekk jonqos wieħed mill-elementi meħtieġa biex il-konvenuti jinqdew bil-fakoltà mogħtija taħt l-art. 12A tal-Kap. 158, il-konvenuti ma jistgħux jikkonvertu t-titolu tagħhom fuq il-fond tal-atturi f'wieħed ta' enfitewsi perpetwa. L-appell għalhekk jixraq illi jintlaqa'.

30. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tiddeċiedi, minflok, illi tilqa' t-talba tal-atturi għall-iżgumbrament tal-konvenuti mill-fond imsemmi fir-rikors maħluf. Għalhekk tikkundanna lill-konvenuti jiżgombraw mill-fond sa żmien tliet xhur millum u tikkundannahom ukoll iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża, kemm dawk tal-ewwel grad kif ukoll dawk tal-appell.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------